28.06.2017

# Is-Servizz tal-Baħar Copernicus: settijiet tad-data disponibbli mingħajr ħlas għas-Setturi Maltin tal-Baħar u dak Marittimu

*"Is-settur marittimu jiddependi ħafna fuq l-innovazzjoni, li għandha titħeġġeġ u tinkiseb permezz tar-riċerka xjentifika u tal-iżvilupp tal-prodotti."*

L-avveniment 'is-Servizz tal-Baħar Copernicus – Assi għall-Ekonomija Blu f'Malta' seħħ l-Esplora, iċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza, fil-Kalkara, Malta, fil-waranofsinhar tas-27 ta' Ġunju. Meta jiġu kkunsidrati l-attività tal-industrja marittima u l-prospetti relatati mal-Aġenda tat-Tkabbir Blu, din kienet sessjoni ffukata fuq il-baħar u s-settur marittimu, ippreċeduta mis-Sessjoni ta' Taħriġ u ta' Informazzjoni Copernicus li għaliha kien hemm attendenza tajba. Is-sessjoni ta' waranofsinhar, organizzata minn esperti Franċiżi fit-tbassir oċeaniku, Mercator Océan, kienet indirizzata lill-esperti Maltin, utenti nazzjonali u reġjonali li jużaw l-oqsma tal-Baħar u dak Marittimu, fis-settur privat, dak pubbliku u dak xjentifiku. L-għan kien li tinforma lill-aktar minn 100 parteċipant irreġistrat dwar kif immaġni satellitari b'mod kontinwu u data relatata jistgħu jgħinuna biex jitkattar l-għarfien tagħna dwar l-isfidi tal-baħar u dawk marittimi.

Il-Mercator Océan, iċ-ċentru Franċiż għall-analiżi u l-previżjonijiet tal-oċeani, hija kumpanija privata mingħajr skop ta' qligħ iffinanzjata mill-ħames istituzzjonijiet Franċiżi ewlenin involuti fl-oċeanografija operattiva: is-CNRS, l-Ifremer, l-IRD, il-Météo-France u l-SHOM. Sa mill-2014, il-Mercator Océan kien responsabbli għall-implimentazzjoni tas-Servizz ta' Monitoraġġ Ambjentali tal-Baħar Copernicus (CMEMS), bit-twassil tad-data dwar l-istat fiżiku u d-dinamiċi tal-oċeani f'ħin reali tkun miftuħa għalkollox u disponibbli mingħajr ħlas. Is-servizz jipprovdi settijiet ta' data dwar it-temperatura, l-imluħa, il-livell tal-baħar, il-kurrenti u l-irjieħ, fost oħrajn, u għandu rwol kruċjali fit-temp, fil-klima, u fit-tbassir staġjonali. L-osservazzjonijiet u t-tbassir li saru jkopru l-oċeani globali, b'appoġġ lil applikazzjonijiet differenti fis-settur tal-baħar u dak marittimu kif ukoll fi ħdan l-ibħra territorjali Maltin.

Waqt id-diskors tiegħu, il-Ministru għat-Turiżmu Dr Konrad Mizzi qal li: "Is-settur marittimu jiddependi ħafna fuq l-innovazzjoni, li għandha titħeġġeġ u tinkiseb permezz tar-riċerka xjentifika u tal-iżvilupp tal-prodotti. Huwa imperattiv li wieħed isemmi li l-iżvilupp ulterjuri tal-Ekonomija Blu jeħtieġ innovazzjoni bbażata fuq l-għarfien. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu u jibbenefikaw mill-użu ta' pjattaformi, bħas-Servizz tal-Baħar Copernicus tal-UE u l-Emodnet, fost oħrajn."

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, is-Segretarju tas-Servizzi Finanzjarji, l-Ekonomija Diġitali u l-Innovazzjoni Silvio Schembri, qal li l-Presidenza

Maltija tal-Kunsill tal-UE enfasizzat l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-Istrateġija Spazjali komuni u integrata għall-Ewropa. Schembri qal li "s-soluzzjonijiet spazjali għandhom ukoll rwol importanti fil-politika barranija tal-UE, bil-provvediment ta' data u informazzjoni biex jinftiehmu l-mudelli ta' migrazzjoni, bit-twassil ta' sigurtà marittima u kontroll fuq il-fruntieri aktar effettivi, waqt li tappoġġa wkoll pajjiżi msieħba tal-UE, speċjalment dawk fil-Mediterran".

Il-President Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija Dr Jeffrey Pullicino Orlando qal li "hekk kif is-settur spazjali huwa wieħed ġdid għal Malta, ninsabu fi stadju li fih qegħdin nipprijoritizzaw is-sensibilizzazzjoni tal-opportunitajiet. L-ewwel Politika Spazjali Nazzjonali, li ġiet ippubblikata iżjed kmieni din is-sena, filfatt tafferma l-importanza ta' ta' sensibilizzazzjoni u ta' miżuri ta' bini tal-kapaċità."

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, is-CEO ta' Mercator Oċean, Pierre Bahurel irrimarka li "l-baħar hu riżorsa infinita għal Malta, u Malta ilha nazzjon marittimu għal sekli sħaħ. Is-Servizz tal-Baħar Copernicus qed jipprepara sabiex tiltaqa' ma' esperti Maltin u ma' partijiet interessati tal-Ekonomija Blu. Is-servizz ewlieni tagħna, li hu miftuħ, affidabbli u bla ħlas, għandu l-għan li jkun ass ewlieni għall-fornituri Maltin ta' servizz tat-tip downstream. Aħna naqsmu l-istess valuri u objettivi: tingħata spinta lit-Tkabbir Blu u kontribut għal futur sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra tagħna."

Meta jiġi kkunsidrat iż-żmien pożittiv li għaddejja minnu Ekonomija Blu ta' Malta, minn bastimenti tal-kruċieri għall-akkwakultura u s-sajd, ir-relevanza ta' dawn l-eżempji hu tabilħaqq immedjatament relevanti għad-diversi partijiet interessati fis-settur tal-baħar u dak marittimu. Il-kors ta' taħriġ ikopri l-erba' setturi: is-sorveljanza, is-sigurtà, il-protezzjoni u l-infurzar marittimu; it-trasport marittimu u l-attivitajiet tal-port, inklużi bastimenti tal-kruċieri; l-ambjent kostali u tal-baħar u l-immudellar tad-dinamiċi tal-oċeani; u l-kwalità tal-ilma u r-riżorsi tal-baħar.

Għadd ta' partijiet interessati Maltin fi ħdan is-settur marittimu u dak tal-baħar diġà jagħmlu użu tajjeb ta' dan l-ammont kbir ta' informazzjoni disponibbli bla ħlas.

B'mod partikolari, l-Università ta' Malta, li kienet involuta fi proġetti illum meqjusa prekursuri tas-servizzi tas-CMEMS, tuża settijiet ta' data simili għall-mudelli tagħha ta' tbassir tat-temp u tal-baħar u twassal prodotti u servizzi b'valur miżjud tal-prodotti mmirati lejn il-partijiet interessati tal-baħar u tal-kosta tal-lokal. Barra minn hekk, l-Università tippromwovi wkoll l-użu lokali tad-data tas-CMEMS billi toffri korsijiet f'livell ta' Masters li jagħtu s-setgħa lill-istudenti l-aċċess xjentifiku u professjonali għall-użu ta' riżorsi ta' data tas-CMEMS.

It-taħriġ tas-'Servizz tal-Baħar Copernicus – Assi għall-Ekonomija Blu f'Malta' ġie organizzat minn Mercator Océan, li ħadmu mill-qrib mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u ma' IRMCo Ltd, u żguraw li s-sessjoni kienet kontinwazzjoni ta' suċċess fuq l-avvenimenti preċedenti ta' Copernicus. Il-Malta Marittima u l-Malta Maritime Forum kienu strumentali wkoll fid-disseminazzjoni lill-partijiet interessati relevanti.

28.06.2017




Photo - DOI - Reuben Piscopo




Photo - DOI - Reuben Piscopo

## 28.06.2017




Photo - DOI - Reuben Piscopo

https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35423243552/in/album-72157675458927640/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35204718460/in/album-72157675458927640/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/34782448633/in/album-72157675458927640/